**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Dorianne Tabone]**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 408/2021**

**Illum, 15 t'April, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis- bil-karta tal-identità numru -Omissis- akkużat talli:**

**Fis-7 ta' Gunju 2021 u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer ta' Malta, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess**

**dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:**

1. **B'ghemil zieni, kkorrompa persuna taht l-età ta' sittax-il sena u cioè lil -Omissis-, ID: -Omissis-;**
   **Art 203(1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. **U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta att ta' natura sesswali minghajr kunsens fuq il-persuna ta' -Omissis- ID: -Omissis- u cioè fuq persuna taht l-età u specifikatament li l-vittma -Omissis- hija persuna vulnerabbli stante li hija persuna ta' taht il-hmistax-il sena;**
   **Art 207, Art 202(k), Art 208AC 2(a), ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

3. **U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;**

**Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà tal-allegata vittma -Omissis- ID: -Omissis- u l-familjari taghha;**

**Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa;**

**Il-Qorti giet mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna Ordni ta' Trattament skont Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju, 2022 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikolu 203(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 207, 202(h)(v)(k), 208AC (2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; Kif ukoll l-artikoli 15A, 17, 20, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat;**

Illi semghet lil **-Omissis-** li tigi l-kugina ta' omm l-allegata vittma -Omissis- u tghid illi din kienet izzomm lill-minuri u darba minnhom hargu bid-dghajjes hija riedet tkellimha fejn din qaltilha li l-gharus t'ommha -Omissis- kien baghbasha b'mod sesswali meta dawn kienu fid-dghajsa tieghu fis-sebgha (7) ta' Gunju kif ukoll drabijiet ohrajn kien biesha u staqsiha biex tinzel fil-garaxx u hemmhekk kien baghbasha b'mod sesswali. Darb'ohra kienu ser imorru ghand il-mekkanik u minflok hadha f'xi post

imwarrab u hemmhekk ukoll beda jmissha. Tghid illi hija kellha tghid dak li kienet qaltilha l-minuri lil ommha.

Ix-xhud tikkonferma li dakinhar tas-sebgha (7) ta' Gunju hija kienet fuq dghajsa ohra vicin id-dghajsa tal-imputat fejn tiftakar li -Omissis- kienet dahlet tistrieh f'din id-dghajsa ghax kellha rasha tugaghha u f'daqqa wahda kulhadd kien beda jsaqsi fejn kien mar l-imputat. Dawn imbaghad rawh hiereg mill-istess dghajsa ftit tal-hin wara. Hi tghid illi minn dakinhar 'il hawn it-tifla kkwietat hafna u kwazi waqfet ghal kollox tpejjep. Tghid illi wara li qalet b'kollox lil omm il-minuri din inhasdet u minn hemmhekk l-gharus tax-xhud ikkonfronta lill-akkuzat fejn kien innega kollox. Tghid illi madanakollu omm il-minuri -Omissis- kienet baqghet tghix mal-imputat u t-tifla baqghet tghix maghha. Tghid illi l-akkuzat kien jghidilhom biex lit-tifla ma jergghu jsemmulha xejn fuq il-kaz u fi kliem l-akkuzat *biex forsi tinsa dan il-kaz*.

Inkontroezami x-xhud elaborat x'kienet qaltilha l-minuri fuq l-akkuzat u cioè li kien ibaghbasha u jghidilha *""hemmhekk ghandek bocca" emm u darba missiela qalet u qalilha jekk hux qieghda tishon it-tifla u qallha jekk hux qed tiehu pjacir u qallha jekk intix qed tithajjar biex jaghmel, biex taghmel mieghu."*

Xehdet ukoll omm il-minuri u cioè **-Omissis-** fejn wara li nghatat id-debita twissija stante li kienet is-siehba tal-imputat hija ghazlet li tixhed. Tghid illi l-verzjoni tat-tifla kienet qaltielha l-kugina taghha u minn hemmhekk marret ghand ic-Child Protection u huma kellmu lilha u lit-tifla separatament. Tghid illi l-verzjoni tat-tifla minn dejjem kienet l-istess u baqghet konsistenti sal-ahhar. Hija tghid illi t-tifla rrakkontatilha x'kien jaghmlilha l-akkuzat fejn darba minnhom *"-Omissis- qabadilha idha, tefahiela mal-parti taghha, qallha "hemm isfel", qallha: "ghandek bocca," qallha: "li kif thossha," qallha: "tirrilexjak," qallha: "qatt ma thajjart?" U anke fuq id-dghajsa jigifieri graw dawn l-affarijiet".* Tghid illi meta sar l-allegat incident tad-dghajsa hija kienet hemmhekk. Tghid illi b'kollox kienu tliet (3) dghajjes marbutin ma' xulxin fejn il-maggjor parti tan-nies kienu fuq id-dghajsa tan-nofs. Tghid illi f'xi hin -Omissis- marret tistrieh fuq id-dghajsa ta' -Omissis- fil-kabina u ftit wara -Omissis- qabel mid-dghajsa li kien fiha ghal fuq id-dghajsa tieghu u dahal fil-kabina fejn kienet il-minuri. Tghid illi d-dghajsa tal-imputat kien fiha madwar tnejn u ghoxrin (22) pied fejn il-kabina xi ghaxar (10) piedi.

Tghid illi hija minn hemm ma kinitx taf lil min temmen xi daqqiet lilu u xi daqqiet ohra lit-tifla taghha. Tghid illi fattur li gaghalha xxeqleb favur il-verzjoni tat-tifla kien

kwistjoni fuq dak li ssemmi hi *"sex cream"* li kienet sabitu fil-vettura tal-imputat u hemmhekk ftakret li l-minuri kienet qaltilha li xi drabi kien baghbasha anke fil-karrozza tieghu. Tghid illi fattur iehor kien li l-imputat ma kienx igibu hafna lit-tifel taghha izda lit-tifla -Omissis- kien igibha hafna.

Semghet lill-minuri **<u>-Omissis-</u>** bis-sistema awdjo-viziva fejn din qalet illi fiz-zmien meta ommha welldet tarbija minghand l-imputat l-affarijiet bdew jinbidlu u minn hemmhekk beda l-allegat abbuz. Tghid illi beda jressaqha aktar qrib tieghu, beda joqghod ibghabasha u jbusha u jehodha fil-garaxx t'isfel bl-iskuza li kellha tmur tghinu. Kien ibusha b'ilsienu, kien joqghod imissilha l-parti taghha b'idejh u kull darba timbuttah. Hu kien isaqsiha jekk kinitx qed tiddejjaq minhabba ommha? Tghid li darba minnhom hadha fil-karrozza mieghu bl-iskuza li ried imur ghand habib tieghu u hemmhekk hadha go post u taha sigarett u beda jbusha. Wara li lesta qallha biex ma tghid xejn lil ommha. Darba minnhom qalilha li xi darba kien ser itiha l-haxixa.

A rigward l-incident tad-dghajsa tghid illi hija kienet dahlet gol-kabina ghaliex kellha rasha tugaghha u fil-pront mar hdejha l-imputat fejn qallha l-kliem *"ghadek ma thajjartx?"*

u *"qeghda tishon?"* u *"xi darba nghidlek taghmilli xi haga.* Tghid illi mbaghad beda jbusha u qallha li xi darba kien ser jehodha Gianpula hu u hi biss.

Semmiet ukoll istanzi ohra fosthom ta' meta qallha biex tinzel fil-garaxx u hemmhekk qallha *"hemm isfel ghandek bocca" "meta tmissha thossok relaxed"* u qabdilha idha u biha beda jmissilha l-parti privata taghha fuq il-hwejjeg. Darb'ohra kienet fil-kamra tal-banju tinhasel u xhin lestiet u bdiet tippetna xagharha fethet ftit il-bieb biex johrog il-fwar u dahal l-imputat, bexxaq il-bieb u beda jbusha izda meta semghu lil ommha huwa waqaf milli kien qed jaghmel u beda jitkellem fuq xi haga irrilevanti.

Hija tghid illi kemm-il darba kienet taccenna xi affarijiet lil ommha izda din qatt ma ndunat. Tghid ukoll illi l-imputat kien sever hafna mat-tfal tieghu izda maghha kien helu u kien itiha kollox tant illi meta t-tfal tieghu kienu jkunu jridu xi haga kienu jsaqsu lilha. Tghid illi però meta kien qed isir dan kollu kienet tirribella hafna, kienet tmur hazin fl-iskola u dejjem kienet tahrab mill-klassi. Tghid illi l-incident tad-dghajsa kien taha l-kuragg biex titkellem u din qalet kollox lill-kugina ta' ommha.

Tghid illi meta saru jafu tac-Child Protection kienet qaltlu lill-imputat biex jekk ma kellu xejn x'jahbi jmur maghhom izda dan qatt ma mar. Tghid illi hija affrontatu lill-imputat izda huwa dejjem innega u jghid li hi qed tigdeb. Tghid ukoll illi llum il-gurnata thossha mistrieha ghaliex qalet dak kollu li kien qed jigri u m'ghadhiex ribelluza u kkalmat hafna.

Rat in-nota guramentata ta' omm il-minuri -Omissis- u cioè -Omissis-[1] datata tnejn (2) ta' Settembru 2021 fejn hija ddikjarat illi xtaqet tirtira dak kollu li kien irtirabbli u li ma riditx li dawn il-proceduri jitkomplew kontra l-imputat. Hija ghamlet din id-dikjarazzjoni fil-kapacità taghha ta' persuna responsabbli mill-minuri u li kellha l-kura u l-kustodja tal-istess.

Ghal dan il-ghan reghhet semghet bil-gurament lil **-Omissis-** fejn din ikkonfermat in-nota guramentata minnha esebita izda ma tatx l-ebda sodisfazzjoni lill-Qorti l-ghaliex hija riedet tirtira kollox.

[1] Folio 35

Fliet bir-reqqa l-istqarrija tal-imputat li nghatat b'mod volontarju wara li nghata t-twissijiet kollha bil-ligi kif ukoll assistit mill-avukat tieghu Dr Marion Camilleri.[2]

Semghet ix-xhud mid-dipartiment ghall-harsien tat-Tfal **Eleonora Grech** fejn din kienet responsabbli ghal minuri -Omissis- wara li hareg il-kaz u fejn din tghid illi l-minuri kienet turi sintomi suwicidjali kif ukoll ta' *self harm* u dan minhabba l-abbuzi li kienet allegatament ghaddiet minnhom. Tghid li minhabba f'hekk ommha kienet haditha ghand psikjatra biex tigi evalwata.

Xehdet id-deputat registratur tal-Imhallef Aaron Bugeja bhala Qorti tal-Appell Kriminali u cioè **Christianne Borg** fejn esebiet sentenza fil-konfront tal-imputat[3] u kkonfermat illi l-multa inflitta kienet thallset.

Rat it-talba tad-difiza fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Ottubru 2022 fejn intalab li jithejja social enquiry report minn ufficjal tal-Probation fejn din it-talba ntlaqghet liema rapport gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. AB1.[4] Illi l-ufficjal tal-Probation **Anabel Bugeja** spjegat bil-gurament illi hija tkellmet mal-minuri -Omissis- u ratha hafna

[2] Dok. KV1 – a folio 96 et seq.
[3] Dok. CB1.
[4] Folio 198 et. seq.

emozzjonata izda xorta wahda spjegatilha l-fatti tal-allegat abbuz. Ziedet tghid ukoll li tkellmet ma' omm il-minuri li qaltilha li f'dak l-istadju kienet qed thalli f'idejn il-gustizzja u ma kienet qed temmen lil hadd izda qaltilha li xorta wahda kienet ghadha mas-sieheb taghha l-imputat.

Rat illi d-difiza ma ressqet l-ebda prova in sostenn tal-kaz taghha hlief li regghet tellghet lil -Omissis- fejn regghet ikkonfermat li riedet tirrinunzja ghal dak li hu rinunzjabbli.

**Ikkunsidrat;**

**A. <u>Rinunzja tal-proceduri</u>**

Illi oramaj huwa ampjament car illi omm il-minuri -Omissis- irrinunzjat ghal dak li hu rinunzjabbli u dan wara li kienet tat id-debita xhieda taghha quddiem din il-Qorti. Illi l-Qorti ma setghetx tisma' l-verzjoni tal-minuri rigward jekk tridx tirrinunzja jew le ghaliex tul dawn il-proceduri din kienet ghadha ma ghalqitx il-maggjor età u kwindi setghet tistrieh biss fuq id-dikjarazzjoni tal-omm bhala l-uniku genitur taghha.

Illi l-imputat huwa mixli b'zewg (2) akkuzi, l-ewwel (1) wahda fuq korruzzjoni ta' minorenni sancita mill-Artikolu

203(1)(c) tal-Kodici Kriminali u t-tieni (2) wahda li kkommetta atti sesswali fuq minuri minghajr kunsens (Art. 207 u 202(k) aggravati bl-età tal-minuri.

Illi qabel xejn, irid jinghad illi l-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni hija prosegwibbli bil-kwerela tal-parti bid-differenza tal-akkuza l-ohra li l-imputat gie akkuzat biha fejn din hija prosegwibbli ex ufficio. Fil-fatt a rigward ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni s- subinciz (3) tal-Artikolu 203 jghid is-segwenti:

> *"(3) Ghad-delitt taht dan l-artikolu ma jittiehed ebda procediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza:*
>
> *Izda meta l-parti offiza tirtira l-kwerela, il-Qorti tista' tiddeciedi u tordna l-kontinwazzjoni tal-procedimenti kontra l-allegat awtur, wara li tikkonsidra b'mod partikolari l-ahjar interessi tal-kwerelant, kull minuri involuti, u kull terzi persuni relevanti ohra, u ghandha tivverbalizza dik ir-rikjesta u decizjoni biex jigu registrati fl-atti tal-kawza:*
>
> *Izda, ukoll, jitmexxa ex officio meta l-ghemil isir b'abbuz tas-setgha ta' genitur jew ta' tutur".*

Illi ghalhekk dan il-provvediment jistabbilixxi x'inhuma l-kriterji ghall-kontinwazzjoni ta' dawn il-procedimenti. Illi din il-Qorti ma setghetx tiehu din id-decizjoni meta kienet rinfaccjata bl-irtirar tal-kwerela minn omm il-minuri peress li l-imputat kien qed jaffaccja akkuza ohra li kif digà nghad, kienet qed titmexxa *ex ufficio* u kif ukoll riedet tara x'decizjoni kienet ser tittiehed mill-Avukat Generali fin-nota li biha elenka l-Artikoli tal-Ligi.

Illi kif digà nghad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, l-akkuzat -Omissis- qed jigi rinfaccjat bl-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni hekk kif aggravata bis-subartikolu (c) tal-Artikolu 203(1). Issa fil-kors tal-proceduri hareg car kemm-il darba illi omm il-minuri -Omissis- xtaqet twaqqaf dawn il-proceduri ghalkemm din kienet digà xehdet fil-konfront tal-imputat. Illi l-imputat, ghalkemm *de facto* huwa l-gharus ta' omm il-minuri, certament ma jistax jaqa' taht id-definizzjoni ta' tutur jew genitur ai termini tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 203(1) tal-Kodici Kriminali.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti ghandha tiddecieda jekk twaqqafx dawn il-proceduri stante rinunzja tal-parte civile jew jekk tiddecidix li tkompli tikkunsidra din l-akkuza fuq il-mertu. It-test li ghandu jigi adottat huwa l-ahjar interess tal-kwerelant u ta' xi minuri involuti. Jinghad illi bhala stat

ta' fatt l-akkuzat ghadu s-sieheb ta' omm il-minuri b'dan illi minn din ir-relazzjoni twieldet tarbija li fattwalment tigi oht il-minuri -Omissis-. Ghaldaqstant din il-Qorti qed tiehu d-decizjoni illi ma tkomplix tittratta mal-imputat taht l-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni stante rinunzja.

**Ikkunsidrat;**

**B. <u>Applikabilita' tar-reat ta' attivitajiet sesswali ma' minorenni in vista tal-irtirar tal-kwerela</u>**

Illi r-reat ta' attivitajiet sesswali ma' minuri minghajr il-kunsens huwa regolat bl-Artikolu 207 tal-Kodici Kriminali li jistabilixxi s-segwenti:

> *"Kull min jinsab hati ta' att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jehel il-piena ta' prigunerija minn tliet snin sa seba' snin:*
>
> *Izda fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena tizdied bi grad."*

Illi dan ir-reat, a kuntrarju tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, ma jistax jigi rtirat mill-persuna li tkun ghamlet il-kwerela ghaliex huwa prosegwibbli *ex ufficio*. Fil-fatt id-dispozizzjoni tal-Artikolu 543 tal-Kodici Kriminali isib applikabilità hawnhekk fejn jghid:

> *"Il-pulizija tista' tagixxi, ukoll minghajr il-kwerela privata, f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:*
>
> *(a) fil-kaz ta' delitti li ghalihom il-ligi ma tiddisponix espressament li hija mehtiega l-kwerela privata; ...".*

Illi ulterjorment ma jistax jinghad illi gialadarba dan ir-reat jista' jkun assorbibbli fir-reat ta' korruzzjoni bhala reat aktar gravi dan ma jistax jigi annullat semplicement ghaliex hemm ir-rinunzja tal-ewwel (1) akkuza.

Fil-fatt fl-Appell Kriminali bl-ismijiet **Pulizija v. Omissis**[5] inghad is-segwenti fuq dan il-punt partikolari:

> *"Hekk gie ritenut mill-Qorti tal- Appell Kriminali kolleggjali f'appell minn guri fil-kawza ""Ir-*

[5] deciz 5/6/2003 per Imhallef V. Degaetano

*Republika ta' Malta vs. Spiridione Tanti sive Tanti Costa " [ 12.4.1991] li:- . . .*

*Anki l-argument li f'dan il-kaz l-akkuza taht l-artikolu 209 hija assorbita f'dik ta' korruzzjoni ta' minorenni u ghalhekk ma jistax jinghad li r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni f'dan il-kaz kien akkompanjat minn reat li jolqot l-ordni pubbliku ma jreggix. It-teorija tal-assorbiment hija wahda li tirrigwarda biss il-piena imma mhux l-ezistenza o meno tal-akkuza jew tar-reat . Di fatti dan il-koncett insibuh biss fl-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar il-konkors ta' reati w pieni. Is-subinciz (h) tal-artikolu 17 jiddisponi li meta zewg reati jew izjed , li flimkien ma jaghmlux delitt kwalifikat , iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata l-piena ghar- reat l-aktar gravi. Dan ifisser li tkun instabet htija ghaz- zewg reati jew aktar kontra l-hati w mhux li reat jikkancella l-ezistenza ta' xi reat iehor li jkun serva bhala mezz ghall- fini biex jigi kommess r-reat . Hija biss ghall-fini ta' piena li r-reat li serva bhala mezz ghall-fini ma jittiehedx in konsiderazzjoni , imma dikjarazzjoni ta' htija*

*dwaru jkun hemm dejjem u ghalhekk dar-reat ikun jezisti w jakkompanja lir-reat l-iehor.”*

## C. Kredibilità tal-verzjoni tal-minuri -Omissis-

Illi l-verzjoni tal-minuri -Omissis- kienet dejjem wahda konsistenti fl-intier taghha wisq aktar meta d-dettalji li tat fid-diversi stanzi ta’ meta rrakkontat il-verzjoni taghha kienu sostanzjali. Illi l-minuri tghid li ddecidiet li tirrakonta kollox wara l-incident tad-dghajsa illi ta’ certu kuragg sabiex tirrakonta kollox lill-kugina ta’ ommha. Illi l-verzjoni taghha qatt ma giet kontradetta jew imgiddba mid-difiza jew mill-verzjonijiet taghha stess. Hija tghid illi ddecidiet li tirrakonta kollox mhux ghax kellha xi haga kontra l-imputat jew biex tehles minnu izda ghaliex ma kinitx tiflah aktar l-agir tieghu wisq anqas ma riditx li jaghmel l-istess lill-wild li twieldet bejnu u ommha.

Id-difiza kellha kull opportunità li ttella’ kull xhud possibbli sabiex tipprova xxejjen il-kredibilità tal-minuri izda dan ma sarx. Ma talbitx l-anqas li jixhed l-imputat ghalkemm dan kellu d-dritt li jibqa’ sieket izda f’dawn it-tip ta’ proceduri l-fatt li imputat jixhed u jipprovdi verzjoni ohra tghin aktar lill-Qorti biex tevalwa s-sitwazzjoni b’mod aktar analitiku.

Id-difiza setghet ukoll ittella' dawk il-persuni kollha li l-imputat isemmi fl-istqarrija tieghu li kienet kollha mimlija rakkonti u stejjer biex idawwar il-kliem u jevita li jiddikjara li huwa ma kien ghamel xejn izda minflok ghal kull risposta ghad-domandi tal-ufficjal prosekutur, dan kien jirrakonta storja twila u kkulurita fuq il-minuri li dawn qatt ma gew ikkonfermati minn xi hadd bil-gurament tul dawn il-proceduri.

Illi f'dan il-kuntest ta' kredibilità qed issir referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara**[6] fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioè *"jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il- verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor."*

[6] Deciza 9 ta' Settemnru 2002.

Illi l-Qorti applikat dak li nghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace**[7] u cioè:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti hadet ukoll konjizzjoni ta' dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud b'dan illi, "*id-decisjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix- xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz* ."

[7] Deciza 31 t'Ottubru 2013.

Illi ghar-ragunijiet imsemmija aktar 'il fuq, din il-Qorti thoss illi l-verzjoni tal-minuri -Omissis- ghandha mis-sewwa u ghalhekk ser tehodha bhala wahda veritjiera tal-fatti.

## D. Attivitajiet sesswali minghajr il-kunsens (Art. 207, 202(k), 208AC(2) Kap 9

Illi kif digà nghad, u tenut kont illi din il-Qorti qed tqis dak li stqarret il-minuri -Omissis- bhala kredibbli, m'hemmx dubju li l-atti li gew kommessi mill-imputat fuq il-persuna taghha huma attivitajiet sesswali li kienu kollha bla kunsens tal-istess minuri u dan waqt li dawn kienu qeghdin jghixu fl-istess residenza waqt il-kommissjoni ta' dawn ir-reati. Illi dawn l-atti gew protratti tul iz-zmien biex ikkulminaw fl-ahhar att li sar fis-sebgha (7) ta' Gunju 2021 fuq id-dghajsa. Tali atti li saru fuq il-partijiet privati tal-minuri kif ukoll bews bl-ilsien huma kollha atti li jitqiesu ta' konnotazzjoni sesswali li saru kollha minghajr il-kunsens taghha tant illi wara li graw kien jghidilha biex ma tghidx lill-ommha.

**Piena**

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)[8] fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs Stephen Bonsfield** u cioè:-

> *"Meta l-azzjoni kriminali tkun tista' tingieb mill-pulizija ex ufficio, kull irtirar tal-kwerela fi kwalsiasi stadju tal- proceduri jista' jittiehed in konsiderazzjoni ghall-fini tal-piena imma mhux b'mod li jista b'xi mod ghat-tkomplija tal-proceduri".*

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet inkonsiderazzjoni ir-rinunzja da parti ta' omm il-minuri u x-xewqa taghha li l-familja tibqa' unita izda hadet ukoll inkonsiderazzjoni l-gravità tar-reat li tieghu l-imputat qed jinstab hati u tal-fatt li huwa ghandu wild ohra minuri li jinhtieg li tigi protetta u jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva fil-minimu taghha.

Illi inoltre' ghalkemm l-addebitu tar-recidiva jinsab ampjament ippruvat minn xhieda tad-deputat registratur tal-Qrati Kriminali li esebiet sentenza kontra l-imputat,

---

[8] Deciza 27 t'April 2006 per Imhallef J. Galea Debono.

stante r-rinunzja mhix ser tapplika l-awment tal-piena taht dawn l-Artikoli.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 18, 49, 50, 207, 202(h)(v)(k), 208AC (2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara procediment ezawrit fl-ewwel (1) akkuza kontra l-imputat **-Omissis-** stante rinunzja filwaqt li ssibu hati tat-tieni (2) akkuza u tikkundannah piena ta' hames (5) snin prigunerija.

Finalment u a bazi tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li isem l-imputat **-Omissis-** jitpogga fir-Registru mwaqqaf a bazi ta' dan l-Att u konsegwentement tordna kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati ghall-annotazzjoni necessarja.

____________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**